**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 22 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta, 11 ta' Jannar 2011

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Tenders (Resurfacing ta' Toroq bil-PPP, provista ta' Konkrete u Manteniment tal-Latrini Pubblici)*
5. *Preparamenti għall-budget għas-sena 2011*
6. *Preparamenti għall-Laqgħa Ġenerali Annwali*
7. *Ġieħ l-Imġarr*
8. *Performance Appraisal tal-iStaff*
9. *Affarijiet Mixxellanji*

## PREŻENTI

Kienu preżenti s-Sindku Paul Vella, il-Vici-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku Paul Vella.

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 Ġie nnutat li issa li 'Il-Miġbħa' ingħata lil-stampatur ġdid, il-prodott finali kien ta' kwalita' aħjar u aktar attraenti. Kien hemm *feedback* pożittiv fuqu.

1.3 Is-Sindku rrefera għall-problema tal-iskart fl-inħawi ta' Binġemma. Semma kif ir-resident li kien qed iħammeġ ġie avviċinat minn Eman Vella u Clayton Gauci, kif ukoll mill-Pulizija. Id-Dipartiment tal-Indafa Pubblika wkoll daħlu f'din is-sitwazzjoni u issa l-iskart inġabar u tnaddaf.

1.4 Ġie approvat li x-xogħol tal-injam tal-bankijiet hekk kif imniżżel fl-offerta ta' David Woodworks kien approvat u se jigi ordnat.

1.5 Is-Sindku semma kif il-perit wasal biex itemm ir-rapport dwar id-diskrepanzi fl-ispiza tax-xogħol tal-aluminium. Hekk kif dan ir-rapport ikun lest, ser jintbgħat lill-On. Chris Said kif ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

1.6 Is-Sur Eman Vella spjega li kien hemm bżonn li jinxtraw ċerti apparat tekniku għall-proġett Cypfire. Dawn jikkonsistu f' *PH Meters*, *Electrophoresis Baths* u *Rain Gauges*. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati kemm jista' jkun malajr peress li dan it-tagħmir irrid jasal minn barra l-pajjiż.

1.7 Is-Sur Eman Vella semma kif il-wire tad-dawl tal-festa fi Triq Santa Marija issa kien tneħħa.

1.8 Is-Sur Clayton Gauci semma kif il-problema li kien hemm fil-bozzoz ta' Triq Santa Marija issa kienet issolviet.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korrispondenza mill-MEPA.

2.2 Korrispondenza mill-AKL dwar assikurazzjoni : ġie deċiż li titħallas u joħroġ il-pagament għaliha.

2.3 Korrispondenza mingħand il-Bank dwar Bank Gaurantees ta' dawk li ssottomettew xi offerta għall-tenders.

## 3 Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku semma' kif l-Eżibizzjoni Artistika li ttellgħet fil-bini tal-Kunsill f' Diċembru kienet suċċess u n-nies tal-lokal ikkonkorrew għaliha u kellhom kliem ta' tifħir.

3.2 Is-Sindku wera' l-ħsieb li ssir crash-barrier fl-inħawi ta' Fomm ir-Riħ peress li t-triq tispiċċa ħesrem u hija ta' periklu speċjalment wara nżul ix-xemx. Il-Kunsill approva dan it-twaħħil.

3.3 Is-Sindku semma li ser issir xkaffar fis-Server Room tal-Kunsill biex din il-kamra tkun tista' tintuża aħjar.

3.4 Is-Sindku semma wkoll li t-tiżjin tal-Milied għas-sena d-dieħla hemm bżonn jinbidel peress li din is-sena għamel ħafna problemi u ttella' konsum ta' elettriku għoli ħafna. Ippropona li jsir armar ġdid bl-LEDs minflok bozzoz tradizzjonali.

3.5 Maria Said issuġġerit biex is-sena d-dieħla isir tiżjin tal-Milied fir-roundabouts tal-lokalita'. Il-possibilta' ġiet diskussa u aktar qrib il-Milied tiġi evalwata aħjar.

3.6 Is-Sindku semma' li kienet ser issir kampanja ta' tħawwil ta' siġar fi' Triq il-Karamelli, Triq il-Banjijiet Rumani u fil-Ballut. Din ser issir fid-29 ta' Jannar u hija parti mill-proġett Eko-Skola.

## 4 *Tenders*

4.1 Dwar it-tender tal-PPP, wara li ġie evalwat ir-rapport imħejji mill-periti, u wara li ġie stabbilit li l-offerta mitfuha minn Bonnici Brothers kien l-aktar waħda vantaġġuża, il-Kunsill qabel li tintlaqa' din l-offerta u x-xogħol relatat jingħata lil Bonnici Brothers.

4.2 Dwar it-tenders tal-Concrete, ġie deċiż li l-unika offerta li ntlaqgħat ma tiġix aċċettata u terġa' tinfetaħ sejħa ġdida għall-offerti.

4.3 Dwar il-Lattrini Pubbliċi, ġie deċiż li ma tiġi aċċettata l-ebda' offerta. Dan minħabba li l-offerti mitfugħa huma ħafna aktar għoljin minn dawk li l-Kunsill qiegħed iħallas preżentement. Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed iħares lejn x'possibilitajiet jeżistu f' dan ir-rigward.

4.4 Dwar it-tender tal-Bulky Refuse, ġie analizzata l-uniku offerta mitfugħa u l-Kunsill iddeċieda li għalissa jieħu parir biex jara xi tkun l-aħjar deċiżjoni.

## 5 Preparamenti għall-Budget 2011

5.1 Ġiet innutata korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn fiha ġie mħabbar li l-allokkazzjoni għall-Kunsill matul is-sena 2011 ser tkun ta' €380,986.

5.2 Ġie avviċinat l-accountant, is-Sur Louis Padovani biex isiru l-preparamenti għall-Budget tas-sena 2011.

## 6 Preparamenti għal-Laqgħa Ġenerali Annwali

6.1 Bdew isiru l-preparamenti għal-Laqgħa Ġenerali Annwali.

6.2 Hemm il-pjan li din is-sena din tissejjaħ għal-Ġimgħa, 18 ta' Frar.

## 7 Ġieħ l-Imġarr

7.1 L-attivita' annwali 'Ġieħ l-Imġarr' ser issir il-Ħadd, 6 ta' Frar 2011.

7.2 L-applikazzjonijiet għan-nomini ħarġu u diġa' bdew jintlaqgħu.

7.3 Il-Kumitat taż-Żgħażagħ ser ikun qiegħed joffri l-għajnuna tiegħu f' din l-attivita'.

## 8. Performance Appraisals tal-iStaff

8.1 Ġie diskuss ix-xogħol taż-żewġ skrivana. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li it-tnejn li huma jingħataw performance bonus ta' 6%.

8.2 Ġie diskuss ukoll il-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv. Matul din id-diskuzzjoni, is-Segretarju intalab joħroġ mill-kamra. Wara li ġie mgħajjat lura, hu ġie nfurmat li l-Kunsill qabel li jingħata bonus ta' 6% (pro-rata).

## 9 Affarijiet Mixxellanji

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv semma' li Natasha Cassar issottometiet talba biex tibda' tahdem 35 siegha fil-gimgha minflok 25. Din it-talba saret fid-dawl li minn Novembru li ghadda, is-Sinjura Cassar giet assenjata xoghol relatat mal-progett Cypfire. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel ma' din it-talba u ddecieda li din tibda' b' sehh mill-1 ta' Jannar 2011.

9.2 Maria Said irrapurtat li xi tappieri fi Triq l-Eghlejjel kienu qegħdin jagħmlu storbju x' ħin jgħaddu l-karozzi minn fuqhom. Għalhekk il-Kunsill qabel biex dawn jiġu rranġati.

9.3 Giovanni Gatt fakkar fl-inizzjattiva biex persuna mil-lokal tiġi nnominata għal-Ġieħ ir-Repubblika. Saru kuntatti mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar dan.

9.4 Giovanni Gatt semma wkoll is-substantion ta' Triq il-Haddedin li minnha qed jinqdew numru ta' bdiewi fl-inħawi tagħha. Issemma kif it-transformer li hemm jista' jiġi inkluż fiha.

9.5 Is-Sindku semma li hemm il-pjan li jsir Bring-In site ġdid fi Triq Mons. O. Vella kantuniera ma' Triq Vitale kif ukoll, aktar 'il quddiem ħdejn Ġnien Skorba.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

9.6 Ġie deċiż li Festa Frawli issir fl-10 ta' April 2011.

9.7 Is-Sindku rrapporta li sar rapport mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent dwar żibel li qed jintrema' f' Ras il-Ġebel.

9.8 Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill irċieva l-proposti ta' żewġ devoluzzjonijiet : waħda tas-sit fi Triq il-Banjiet Rumani (fejn hemm il-ħsieb li jsir ġnien pubbliku) u l-oħra f' ta' Darrenzi. Filwaqt li l-Kunsill jaqbel mad-devoluzzjoni ta' l-ewwel sit, is-Sindku jixtieq li jagħmel spezzjoni fuq il-post flimkien ma' uffiċċjal tad-Dipartiment tal-Artijiet biex isir rapport dwar obbligazzjonijiet u diffikultajeit li jista' jkun hemm.

9.9 Eman Vella rraporta dwar l-involvilment tiegħu fil-laqgħat dwar proġetti tal-EU.

9.10 Clayton Gauci semma li qed jara l-possibilta' li l-bank HSBC jisponsorja 'Welcome Signs' għal-lokalita'.

9.11 Clayton Gauci semma wkoll li Triq il-Ħaddedin għandha bżonn ta' patching.

9.12 Clayton Gauci rraporta li hemm bżonn jitnaddaf il-kanal ta' l-ilma fl-inħawi ta' Fomm ir-Riħ.

9.13 Giovanni Gatt semma li it-traffic lights taz-zebra crossing taż-Żebbiegħ għadha ma taħdimx. Ġie mgħarraf mis-Sindku li dan hu minħabba li l-partijiet li hemm bżonn jinbidlu għadhom ma waslux.

9.14 Giovanni Gatt semma li hemm bżonn li jinżabbru s-siġar fi Triq il-Kbira u Triq Fisher.

9.15 Giovanni Gatt semma dwar bozzoz li hemm bżonn isir xogħol fuqhom madwar il-lokalita'.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

Is-Sindku sejjah laqgħa oħra nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar 2011, fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

# Kunsill Lokali Mgarr

## Cheques Issued To Be Confirmed

**From Date 01.01.2011** **To Date 11.01.2011**

| Ref No | Payment | Description | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8658 | Cyprian Dalli | P/o Switch for File Server | 53.00 | |
| 8659 | ADI Associates | Oct 10 - Review od MEPA Planning Applications | 75.30 | |
| 8660 | Econing | Preparation of Action Plan | 2500.00 | |
| 8661 | G4S Security Services | Oct 10 - Cash in Transit | 38.05 | |
| 8662 | Bitmac | Works near Primary School and P/o Tarmac | 3367.49 | |
| 8663 | Bonnici Brothers | Triq il-Kbira - Final Payment | 14096.68 | |
| 8664 | Comsec | Maintenance on Telephone System | 41.30 | |
| 8665 | Smart Office | Staionery | 214.84 | |
| 8666 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8667 | Cleansing Services | Oct 10 - Services | 469.14 | |
| 8668 | 3D Distributors | Distribution of various Flyers | 265.50 | |
| 8669 | Eyetech | Comuter Maintenance | 41.30 | |
| 8670 | Corex | Oct 10 - FSMA and Toners | 75.42 | |
| 8671 | Galea Curmi Eng. Cons. | Oct 10 - Contract Management Fee | 105.99 | |
| 8672 | Saviour Cremona | Biolmed Cordoba - Reinbursement | 665.78 | |
| 8673 | Dr. R. Fenech Adami | Year 2010 - Professional Fees | 177.00 | |
| 8674 | Nancy Abela | Dec 10 - Cleaining Services | 405.38 | |
| 8675 | Eman Vella | Cypfire Firenze - Reinbursement | 251.34 | |
| 8676 | MITA | Wide Area Connectivity + Computer Support | 567.60 | |
| | | | 23411.11 | |

**Approved on 11.01.2011** **€ 23411.11**

Councillors: Maria Said

# Kunsill Lokali Mgarr

## Paid Payments Still To Be Confirmed

**From Date 10.12.2010** **To Date 30.12.2010**

| Ref No | Payment | Description | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8624 | Image Systems Ltd | Art Exeb. - A3 Semigloss Paper | 22.40 | |
| 8625 | Mgarr Local Council | Nov 10 - Petty Cash | 115.27 | |
| 8626 | Perm. Sec. OPM | Tenders Andverts on The Malta Independent | 297.40 | |
| 8627 | Outline Ltd. | Next - Administrative Offices | 414.00 | |
| 8628 | Malta Community Chestfund | Cheque for Receipt 6184 re: Money Collected | 425.00 | |
| 8629 | La Vecchia Dogana | Staff Dinner | 302.75 | |
| 8630 | Comm. Of Inland Revenue | Aug 10 - Tax & N.I. | 453.64 | |
| 8631 | Comm. Of Inland Revenue | Julu 10 - Tax & N.I. | 372.90 | |
| 8632 | Comm. Of Inland Revenue | Aug 10 - Tax & N.I. - Cyprian's | 240.73 | |
| 8633 | Comm. Of Inland Revenue | Sept 10 - Tax & N.I. | 692.18 | |
| 8634 | Comm. Of Inland Revenue | Oct 10 - Tax & N.I. | 803.42 | |
| 8635 | Comm. Of Inland Revenue | Nov 10 - Tax & N.I. | 950.76 | |
| 8636 | Comm. Of Inland Revenue | Dec 10 - Tax & N.I. | 872.42 | |
| 8637 | R&G | Pruchase of Trolley | 187.00 | |
| 8638 | Hugh Arnett | Dec 10 - Traffic Management Cons. Fee | 93.17 | |
| 8639 | Joanne Vella | Librarian Services | 34.98 | |
| 8640 | Mgarr Local Council | Dec 10 - Petty Cash | 116.09 | |
| 8641 | Agnes Gauci | Poland Exch. Refund - Joanne Gauci | 179.40 | |
| 8642 | Pauline Vella | Poland Exch. Refund - Dylan Vella | 179.40 | |
| 8643 | Grace Grima | Poland Exch. Refund - Juan Grima | 179.40 | |
| 8644 | Isabella Vella | Poland Exch. Refund - Janika Vella | 179.40 | |
| 8645 | Grace Camilleri | Poland Exch. Refund - David Camilleri | 179.40 | |
| 8646 | Anthony Abela | Poland Exch. Refund - Deborah Abela | 179.40 | |
| 8647 | Isabella Vella | Poland Exch. Refund - Anthea Vella | 179.40 | |
| 8648 | Godwin Pace | Poland Exch. Refund - Sean Pace | 179.40 | |
| 8649 | Pauline Vella | Poland Exch. Refund - Steven Vella | 179.40 | |
| 8650 | Tania Gauci | Poland Exch. Refund - Yanica Gauci | 179.40 | |
| 8651 | Julie Vella | Poland Exch. Refund - Ryan Vella | 179.40 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 8652 | Sharon Abela | Youth Exch. Tastes of Europe - Reinbursment | 649.77 | |
| 8653 | Mario Sammut | Youth Exch. Tastes of Europe - Reinbursment | 200.41 | |
| 8654 | Eman Vella | Youth Exch. Tastes of Europe - Reinbursment | 230.87 | |
| 8655 | Clayton Gauci | Youth Exch. Tastes of Europe - Reinbursment | 104.66 | |
| 8656 | Leslie Grima | Youth Exch. Tastes of Europe - Reinbursment | 10.00 | |
| 8657 | Jane Mifsud | Youth Exch. Tastes of Europe - Reinbursment | 6.06 | |
| | | | 9569.28 | |

**Approved on 11.01.2011** € **9569.28**

Councillors: Mario Said